

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 4

## Il-Madonna u l-Ewkaristija

Igħid Gerald Francis

M'huwiex kumbinazzjoni li meta d-devozjoni Marjana tmajna, tmajna wkoll id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija.

Meta r-Riforma Protestanta qasmet il-Kristjaniżmu fl-Ewropa, b'konsegwenza warrbet it-twemmin fil-Preżenza Reali tal-Mulej fl-Ewkaristija u qerdet is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa bħala l-att ċentrali tal-qima Nisranija. Iżda qabel warrbet lil Marija bħallikieku kienet aċċessorju mhux meħtieġ fil-pjan tas-salvazzjoni.

Il-verità hija li s-sehem sħiħ ta' Marija fil-Knisja hu li hija tmexxiha lejn Binha Divin. Meta hija ġiet injorata, allura t-triq l-akar sigura, kollha ħeffa u ħafifa lejn Binha Divin sfat ikkanċellata.

Ir-Rużarju huwa arma qawwija biex tkeċċu d-demonji u biex wieħed jevita d-dnub..Jekk tixtiequ l-paċi f'qalbkom, fi djarkom, f'pajjiżkom, inġabru kull fil-għaxija tirreċitaw ir-Rużarju. Tħallux jum wieħed jgħaddi bla ma tgħiduh, tkunu kemm tkunu mgħobbijin b'ħafna taħbit u xogħol.

Il-Papa Piju XI

Ħadd ma jista' jgħix kontinwament fid-dnub u jkompli jgħid ir-Rużarju; jew jieqaf jagħmel id-dnub jew inkella jieqaf igħid ir-Rużarju.

L-Isqof Hugħ Doyle



## Jgħid San Piju tal-Pjagi :

Ħobbu lill-Madonna u agħmlu li ħaddieħor iħobbha. Irreċitaw dejjem ir-Rużarju.

Il-Madonna qatt ma tirrifjuta grazzja permezz tar-reċita tar-Rużarju.

Ħobbu lill-Madonna u itolbu r-Rużarju, għax ir-Rużarju huwa arma kontra l-ħażen tad-dinja tal-lum.

Ir-Rużarju huwa l-arma tiegħi.



Ir-Rużarju huwa l-'arma' għal dawn iż-żmenijiet.

X'uħud huma hekk boloh li jaħsbu li jistgħu jgħaddu ħajjithom mingħajr l-għajnuna tal-Imqaddsa Marija. Ħobbu lill-Madonna u itolbu r-Rużarju, għaliex ir-Rużarju tagħha huwa l-arma kontra l-ħażen tad-dinja tal-lum. Il-grazzji kollha li Alla jagħti jgħaddu permezz tal-Imqaddsa Omm tiegħu.